MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MARSEANN FARRUGIA**

Seduta tas-17 ta' April, 2013

Avviz Numru. 44/2013

**Middlesea Insurance plc u s-socjeta` Laferla Agency Limited fil-kwalita` taghha ta' agent ta' l-istess socjeta Middlesea Insurance plc u l-istess Mark Laferla, skont il-ligi u skont il-polza ghal kull interess illi ghandha**

**Vs**

**Etienne Bartolo**

**Il-Qorti;**

Il-Qorti rat ir-rikors ta' l-atturi fejn talbu li l-konvenut jigi ikkundannat ihallas lis-socjeta` attrici Middlesea Insurance plc, is-somma ta' disat elef u tlett mitt Ewro (€9,300), bilanc ta' somma akbar ta' ghaxart elef Euro (€10,000), illi l-intimat obbliga ruhu li jhallas lill-istess socjeta` attrici, permezz ta' skrittura tat-8 ta' Frar 2011 (Dok A). Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficcjali tat-3 ta' Gunju 2011 (Dok B), dawk tal-ittra ufficcjali pprezentata skont id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 166A ta' Kapitolu 12 tal-

Ligijiet ta’ Malta tal-11 ta’ Novembru 2011, u bl-imghax mill-11 ta’ Lulju 2011, cioe` mid-data illi l-intimat gie notifikat bl-imsemmija ittra tat-3 ta’ Gunju 2011, jew data ohra stabbilita minn dina l-Qorti. L-intimat gie ingunt ghas-subizzjoni.

Rat li fis-seduta tal-10 ta’ April 2013 gie pprezentat kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut.

Rat li fis-seduta tal-lum, il-konvenut imsejjah tlett darbiet naqas li jidher, ghalkemm debitament notifikat u ghalhekk li l-kapitolu tal-atturi ghandu jitqies bhala mistqarr.

Konsegwentement tilqa’ t-talba tal-atturi u tikkundanna lill-konvenut jigi ikkundannat ihallas lis-socjeta` attrici Middlesea Insurance plc, is-somma ta’ disat elef u tlett mitt Ewro (€9,300), bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficcjali tat-3 ta’ Gunju 2011, dawk tal-ittra ufficcjali pprezentata skont id-disposizzjonijiet ta’ l-Artikolu 166A ta’ Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta tal-11 ta’ Novembru 2011, u bl-imghax mit-12 ta’ Lulju 2011, cioe` mid-data illi l-intimat gie notifikat bl-imsemmija ittra tat-3 ta’ Gunju 2011.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------